MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru. 136/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

**- vs -**

**MARIO SAID**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO SAID** ta' wiehed w erbghin sena bin George u Giuliana nee Saliba, imwieled Victoria, Ghawdex nhar t-tmienja w ghoxrin ta' April 1963 u residenti 'Holy Mary', Triq Enrico Mizzi, Victoria, Ghawdex, (Detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 22363G), gie mressaq quddiem akkuzat billi

a. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana talli fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2003, wara intervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija fil-fond 'Tapies Bar', St. Francis Square, Victoria, Ghawdex,

instab li xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fid-deposit jew habi kif wkoll xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht l-kontroll tieghu flixkun Vodka tal-litru tal-marka Smirnoff; il-flixkun in kwistjoni li gie maqbud bin-nota ta' qbid numru 49/2003 ghandu valur totali ta' lira sebgha w tletin centemzu, Dazju tas-Sisa ta' tlett liri hamsa w sebghin centezmu, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat; u

b. talli f'isem l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2003 wara intervent u tfittija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija fil-fond 'Tapies Bar', St. Francis Square, Victoria, Ghawdex, instab li xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fid-deposit jew habi kif wkoll xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht l-kontroll tieghu flixkun Vodka tal-litru tal-marka Smirnoff, il-flixkun in kwisjtoni li gie maqbud bin-nota ta' qbid numru 49/2003 ghandu valur ta' lira sebgha w tletin centemzu, Dazju tas-Sisa ta' tlett liri hamsa w sebghin centezmu, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat, li l-importazzjoni tal-oggett hawn fuq imsemmi hija projbita u/jew ristretta u billi l-oggett imsemi huwa soggett wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal sitta w sebghin centezmu u tmin millezmi, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinflliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna wkoll l-konfiska ta’ l-oggetti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-letter to prosecute tad-Dipartiment tal-VAT, kif wkoll l-letter to prosecute mill-Kontrollur tad-Dwana.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fis-seduta tal-ewwel ta' April 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssib lil imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 80 tal-Att dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998), l-artikolu 60 (a)(b)(c)(k), artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k); Paragrafu (a) tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap

37, Artikolu 16(j) u 17(a) tal-Att XVI tas-sena 1995 dwar Dazju u Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk **fuq tali ammissjoni l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat MARIO SAID hati tal-akkuza addebitata fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta’ hamsa w ghoxrin lira. Oltre dan tikkundannah ghal piena karcerarja ta' xahar sospiz ghal sena.**

**Inoltre tordna l-konfiska tax-xorb esebit formalment f'dawn l-atti.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------